MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 78/2013

**Appell Nru. 78/2013**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**John Zahra**

**Illum 23 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellnat [detentur tal-karta tal-identita` numru 28247(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Frar, 2007 u fix-xhur ta' qabel f'bitha privata fi Triq San Pietru B'Bugia, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew hatt bini jew kiser il-mixi ta' l-ilma jew jiehu l-ilma ghaliha jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor, meta

ddepozita oggetti fi propjeta` ta' haddiehor meta ma kellux jedd li jaghmel dan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar, 2013, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu taht dak li jghid l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal xahar u tatu zmien sa gimghatejn sabiex inehhi dawn l-ingenji minn fejn huma u jqeghedhom f'post li ma jkunx ta' ingombru ghal hadd u dan ghal penali ta' hamsa w ghoxrin Ewro (€25) kuljum fin-nuqqas.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Frar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

L-azzjoni fil-konfront ta' l-appellant kienet wahda preskritta u minghajr pregudizzju ghal dan il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b'mod ragonevoli tasal ghall-htija ta' l-appellant stante li l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 85 ma gewx sodisfatti.

1) Illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjom giet imqajjma quddiem l-ewwel Qorti pero ghal xi raguni din ma gietx decisa. L-appellant jissottometti li l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huwa milqut b'sentejn preskrizzjoni u gia la darba mix-xhieda prodotta jirrizulta li din id-daghjsa kienet tpoggiet hemm aktar mmn seba' snin qabel id-data ta' l-imputazzjoni l-azzjoni kriminali fil-korifront ta' l-imputat kienet estinta.

2) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju huwa ben risaput, skond il- gurisprudenza stabbilita, li l-elementi kostitwenti r-reat tar-ragjon fattasi in dizamina taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminal huwa erbgha u cioe’: -

(a) Att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta’ dan il-hadd iehor;

(b) Il-kredenza li l-att qed isir b’ezercizzju ta’ drift;

(c) Il-koxjenza fl-agent Ii hu qieghed jaghmel ‘di privato braccio’ dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika’; u

(d) In-nuqqas ta’ titolu ii jirrendi l-fatt aktar gravi;

Illi dawn l-elementi huma komulattivi u riedu jigu ippruvati kollha mill-prosekuzzjoni. Bir-rispett l-appellant issostni li huwa pogga d-daghjsa fil-propjeta tieghu u kienet ilha hemm zmien twil. Ghalhekk huwa kien qieghed jezercita dritt ta’ sid u ma kien kellu l-ebda koxjenza li dak li kien qieghed jaghmel kien b’xi mod imur konfra l-ligi. In sosten ta’ dan il-fatt, gew esebiti l-kuntratti kollha relattivi u liema dokumenti qatt ma gew kontradetti mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant ghandu dghajsa illi huwa pogga f’bitha fi Triq San Pietru Birzebbuga. Din il-bitha jaghmlu minnha wkoll Filomena Grima u Maria Gafa’ illi meta wrew l-oppozizzjoni taghhom ghaz-zamma ta’ din id-dghajsa, l-appellant irrifjuta illi jnehhiha ghaliex qal illi huwa ghandu d-dritt jitfa’ d-dghajsa f’dak il-lok. Ghalhekk Filomena Grima u Maria Gafa’ ghamlu rapport lil Pulizija illi procedew kontra l-appellant ghar-ragonfattasi skond id-dispost ta’ l-Artiklu 85 tal-Kodici Kriminali.

B’sentenza tas-7 ta’ Frar ta’ l-2013 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tatu zmien gimghatejn sabiex inehhi din id-dghajsa u affarijiet ohra li kien hemm fil-bitha ghal taht penali ta’ €25 kuljum fin-nuqqas. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha nterpona appell,

fejn irrileva illi l-azzjoni kienet tinstab preskritta bid-dekors ta’ sentejn, minn mindu d-dghajsa tpoggiet f’dak il-lok. Barraminnhekk, l-elementi ta’ ragionfazzi ma jiffigurawx ‘l ghaliex il-bitha hija propjeta’ privata ta’ l-appellant.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni, l-akkuza migjuba kontra l-appellant, tirreferi ghal data partikolari u cioe l-15 ta’ Frar ta’ l-2007 u fix-xhur ta’ qabel. Pero l-appellant jargumenta illi d-dghajsa tpoggiet f’dik il-bitha aktar minn seba’ snin qabel id-data ta’ l-imputazzjoni u ghalhekk l-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-appellant kienet estinta. Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument.

Ir-reat ta’ ragonfattasi, huwa reat permanenti u jibqa’ jiddekorri sa meta l-Pulizija johorgu akkuza kontra persuna. Dan mhuwiex xi reat instantanju, ta’ darba imma jibqa’ jissussisti sakemm tibqa’ tippersisti l-illegalita. Quindi, l-preskrizzjoni f’dan il-kaz ma tavverax ruhha.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, dwar l-elementi tar-reat, fir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant korrettement jnizzel l-elementi kostitwivi tar-reat kif huma Magisterjalment dedotti fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija versus Giuseppe Bonavia et (volume XXX11/1V, p. 768). Minn dawn l-elementi, il-Qorti ssib illi l-appellant qeghed id-dghajsa go bitha illi l-propjeta’ taghha hija kontestata peress illi taqa’ fil-wirt devolut fuq Filomenta Grima u Maria Gafa’, li t-tnejn wrew l-oppozizzjoni espressa taghhom tat-tqeghid tad-dghajsa fil-bitha. L-appellant ma gab l-ebda prova li fil-fatt il-bitha hija tieghu. Anke jekk dan kien il-kaz, din il-Qorti ma tistax tidhol fil-kwistjonijiet tal-propjeta’. Pero tista’ tidhol fl-elementi kostitwivi tar-reat, illi kif diga ghidtna, l-appellant ghamel li ghamel bil-kredenza ta’ ezercizzju tad-dritt u jaf la darba hemm kontestazzjoni, huwa jmissu adixxa lil Qorti kompetenti sabiex jiehu dak id-dritt illi jippretendi li ghandu jiehu u mhux jaqbad jiehu b’idejh dak li imissu ha mill-Qorti. U fl-ahhar dan l-att illi ghamel l-appellant, ma jinkwadrax ruhu f’reat aktar gravi. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-elementi

kostitwivi tar-reat tar-ragonfattasi, javveraw ruhom f'dan il-kaz u l-ewwel Qorti ghamlet sew illi sabet il-htija.

Ghalhekk mhux il-kaz li d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------